Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Novembru 2015**

**13935/15**

**SOC 653**
**EMPL 429**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru dok. preċ.: | 13237/15 SOC 603 EMPL 396 |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: -Ħatra tas-Sinjura Jacqueline PRINS, membru għan-Netherlands, minflok is-Sinjura Carlien SCHEELE, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Carlien SCHEELE bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għan-Netherlands).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, fejn jinħatar membru wieħed u membru supplenti wieħed minn kull Stat Membru.

4. Il-Gvern tan-Netherlands ippreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2016:

Is-Sinjura Jacqueline PRINS
Director Gender & LGBT Equality Department
Ministry of Education, Culture and Science
IPC 5500
P.O. Box 16375
NL-2500 BJ THE HAGUE
Tel.: + 3170 4123993
Mob.: + 31 6 15879212
posta elettronika: j.prins@minocw.nl

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża dwar is-sostituzzjoni ta' membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<u>**ANNESS**</u>

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Bord ta' Tmexxija al-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2013[3] il-Kunsill ħatar, għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2016, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura Carlien SCHEELE, sar vakanti post ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) Il-Gvern tan-Netherlands ippreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[3] ĠU C 151, 30.5.2013, p. 12.

Artikolu 1

Is-Sinjura Jacqueline PRINS hija b'dan maħtura membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sinjura Carlien SCHEELE għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-31 ta' Mejju 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President